# Diskors ta' l-Egħluq

Infisser, qabel xejn, is-sodisfazzjon kbir tiegħi li nista' nagħlaq dan il-Kungress Nazzjonali bit-tema "L-Identità Kulturali ta' Malta"; Kungress li għaqqad flimkien l-isforzi intellettwali ta' numru ta' studjużi Maltin, li flimkien ipprezentaw viżjoni kulturali ta' art twelidna.

Żgur li inizjattiva bħal din, organizzata bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' egħluq il-25 sena mill-Indipendenza ta' Malta, tikkonferma qabel xejn il-fiduċja li għandna fina nfusna bħala nazzjon qadim, bi storja sinjura li ma tagħmilx għajb lil pajjizi oħra, u li għaċ-ċokon tagħna hi tassew apprezzabbli u denja ta' studju u għarfien.

Irrid, bħala Prim Ministru ta' Malta, insellem lil dawk kollha li matul iż-żminijiet ħadmu, b'mod jew b'ieħor, biex ħallewlna kultura nazzjonali li żammitna magħquda flimkien bħala nazzjon. Kienet din il-kultura li wasslitna biex ksibna s-sovranità tagħna meta wasal il-mument opportun, għaliex hija l-kultura li tagħmel nazzjon u żżommu ħaj u tkabbru biex twasslu għall-maturità tiegħu. Bħala Prim Ministru wkoll, irrid niddikjara l-qima kbira tiegħi lejn din il-kultura Maltija, kif ukoll l-impenn tal-Gvern tiegħi li jaraha kkonservata, imħarsa u mxerrda.

L-impenn tagħna huwa kollu kemm hu favur l-għarfien u l-inkoraġġiment ta' din il-kultura, fil-livelli kollha ta' l-edukazzjoni, fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija, u saħansitra fir-rapport tagħna ma' Malta mxerrda f'ħafna pajjiżi mad-dinja, fejn hemm l-emigranti ħutna, li baqgħu Maltin u li fejn marru baqgħu jżommu l-ispirtu li jagħżilhom minn pajjiżi oħrajn. Aħna kburin bihom daqskemm aħna kburin b'dan l-ispirtu li jgħaqqadna flimkien f'nazzjon wieħed.

Nifraħ lill-istudjużi kollha li taw il-kontribut tagħhom biex sar dan il-Kungress, u nifraħ minn qalbi wkoll lil kull min, bl-arti, bix-xjenza, bis-sengħa tiegħu, b'kull mod ieħor, qiegħed jagħti kontribut biex din il-kultura tissokta tikber. Nemmen verament li dan hu kontribut utli u sinifikanti għas-soċjetà kollha, għaliex minn dan ningħarfu li aħna

nazzjon ċivilizzat, parti integrali mill-Ewropa u membri tal-komunità umana.

Minn dan il-Kungress rega' ħareġ il-fatt li Malta ilha żmien twil tippartecipa fl-ispiritwalità tar-reġjun u tal-kontinent. Il-ħakmiet li jiffurmaw il-ġrajja tagħna sa l-Indipendenza swew biex ħallew il-marka tagħhom fuqna, li għaġnitna. Hija marka, madankollu, li aħna ħallatnieha ma' l-individwalità tagħna ta' poplu distint, dejjem kburi li jappartjeni għal din il-gżira, dejjem konxju li m'hux parti minn ġens ieħor. Dan kollu ċertament jidher sewwa fl-aspetti varji tal-kultura tagħna li tagħmilna dak li aħna.

Bl-istudju xjentifiku, bit-tagħlim imxerred mal-poplu, din l-identità tkun magħrufa aħjar fiha nnifisha u tkun aċċettata bħala l-passaport tagħna għas-sħubija fil-Komunità Ewropeja u dinjija. Dak li writna mill-barranin u dak li hu tassew tagħna llum saru ħaġa waħda, u minn din il-kumplessità nagħrfu aħjar min verament aħna, bħala Maltin.

Pajjiż li ma jagħrafx il-kultura nazzjonali tiegħu hu pajjiż bla ruħ, mifrud fih innifsu, iddestinat li jitkisser jew jinbela' minn pajjiżi oħrajn. Jekk matul il-ħakmiet barranin kollha, missirijietna rnexxielhom iżommu din l-identità, illum li pajjiżna hu f'idejna, huwa aktar minn qatt qabel id-dmir tagħna li din l-identità nżommuha u nħarsuha b'kull mod possibbli.

L-indipendenza politika għandha l-bażi tagħha fit-tradizzjoni li żammet ħajja lir-ruħ Maltija matul l-epoki mgħoddija kollha. Illum li wasalna fejn wasalna, inħarsu lura u naraw l-isforzi kollha li saru, mill-politiċi, mill-artisti, mill-intellettwali, mill-ħaddiema, min-nies tas-snajja'; inħarsu lura u naraw il-ġmiel tad-drawwiet li ħallewlna missirijietna, l-għanjiet, il-proverbji, il-leġġendi, il-kostumi, il-festi, l-ambjent u dak kollu li jifforma lil Malta kif nafuha.

L-identità tagħna hi magħmula mill-wirt uman, mill-wirt storiku, mill-wirt pajsaġġistiku, mill-wirt naturali, minn kull wirt ieħor li meta nħarsu lejh nimtlew b'ammirazzjoni lejn missirijietna l-qodma, lejn niesna li bnewlna lil din il-gżira sabiħa, sinjura fil-kultura tagħha. Aħna kburin bil-post li għandna fl-istorja arkejoloġika tad-dinja, u nafu liema prominenza għandna; għalhekk l-istudju ta' l-arkejoloġija hu importanti ħafna, kemm fih innifsu, kemm turistikament, u kemm biex jimliena bil-fiduċja fina nfusna.

L-arkitettura ta' l-irħula tagħna hi mimlija attrazzjonijiet u kurżitajiet li rridu nagħrfuhom u ngħallmuhom lil uliedna u lill-barranin. Id-drawwiet Maltin jirrakkontaw il-komportament ta' niesna. Ir-rabta kbira tagħna mar-reliġjon Nisranija hija wkoll rabta ma' l-istess art tagħna, u

kien dan it-twemmin li żammna magħquda flimkien.

Aħna kburin ħafna bil-lingwa qadima u sabiħa li għandna, għaliex kienet hi wkoll li rabtitna flimkien. Aħna kburin li, għalkemm aħna pajjiż tant ċkejken, għandna lingwa sabiħa li hi tagħna u tagħna biss. Irridu nassiguraw li din il-lingwa ma titħassarx, ma tinqeridx, anzi tkun mitħaddta u studjata tajjeb mill-Maltin kollha f'kull livell.

Aħna ferħanin li għandna tradizzjoni artistika qadima, fil-pittura, fl-iskultura, fil-mużika, fl-arkitettura, fl-artiġjanat, fil-folklor, u fl-oqsma l-oħra kollha li juru l-kreatività tal-ġenju tagħna. Aħna kburin li għandna wkoll il-letteratura tagħna li tesprimi s-sentimenti tagħna bħala bnedmin u bħala Maltin.

Aħna konxji wkoll tal-wirt li għandna fl-ambjent naturali; il-fawna u l-flora tagħna huma qasam ta' interess kbir li jixirqilhom ikomplu jiġu studjati u li jkunu magħrufa aħjar, biex ma jintilfux. Aħna konxji wkoll tal-kontribut li taw, fost l-oħrajn, it-tobba Maltin, kemm fil-mediċina u kemm fis-setturi l-oħra tal-ħajja li huma matul iż-żmien interessaw ruħhom fihom; u magħhom nistgħu nsemmu l-kontribut li taw l-avukati u professjonisti oħra.

Naturalment, dawn huma setturi partikulari li ma jkoprux l-ispazju kollu fejn tidher l-identità nazzjonali tagħna, iżda huma kollha setturi li jimlewna bil-kurzità, bl-interess u bl-ammirazzjoni biex inkomplu nkunu nafu aktar. Fuq kollox, aħna kburin bil-kontribut li taw il-ħaddiema bis-snajja', bix-xogħol tagħhom ta' kull natura. Huma n-nies li żammew din l-identità antika ħajja, u tant ħajja li waslet sa għandna. Sikwit kienu dawn il-ħaddiema li żammew il-karattru Malti ħaj u ma ħallewhx imut u jintilef taħt il-ħakmiet tal-kulturi uffiċjali.

L-impenn tagħna, għalhekk, huwa li nagħtu kull dinjità xierqa lil din il-kultura, u dan huwa l-eżempju li jagħtuna l-pajjiżi ċivilizzati kollha, llum aktar minn qabel, li qegħdin jinvestu fir-riżorsi umani tagħhom stess.

Irridu negħlbu kull sens falz ta' inferjorità, kull biża' li dan l-għarfien li nagħtu lill-kultura tagħna se jiżolana b'xi mod. Għall-kuntrarju, dan huwa l-kontribut l-aktar awtentiku li l-barranin jistennew minna, l-aktar meta nitħalltu fil-komunità internazzjonali.

Il-barranin li jħarsu lejna jridu jkunu jafu min aħna, x'inhu li jiddistingwina u jagħmilna nazzjon partikulari. F'din il-partikularità tagħna spiss nispiċċaw biex insibu li hemm ħafna aspetti li jorbtuna mad-dinja barranija ta' madwarna, fir-reġjun, fil-kontinent u fid-dinja. It-turiżmu stess jurina li min jiġi jżurna jrid isib xi ħaġa differenti, u din il-

ħaġa differenti hi preċiżament l-identità kulturali tagħna.

Għalhekk kienet ħaġa xierqa li aħna u nfakkru egħluq il-25 sena mill-kisba ta' l-Indipendenza, nagħtu din il-ħarsa twila u sistematika lejna nfusna.

B'hekk sellimna lill-Maltin għeżież ta' qabilna u għarafna l-kontribut kbir li tawna, il-wirt għani li ħallewlna; u b'hekk ukoll għarafna aħjar min verament aħna, bħala ċittadini ta' stat sovran li bħalma ma ċediex u ma tilifx l-individwalità tiegħu fl-epoki kolonjali, hekk issa jintrabat b'determinazzjoni wisq akbar li lil din l-identità jsaħħaħha billi jistudjaha, ixerridha, jgħallimha u fuq kollox iżommha ħajja.

Dan hu l-impenn tagħna, u jien ċert li hu impenn li jgħinna nibnu poplu aktar magħqud, aktar matur, aktar lest għall-isfidi tal-ġejjieni, aktar fiduċjuż fih innifsu.

EDDIE FENECH ADAMI
*Prim Ministru*

## Dwar l-Awturi

ĠUŻÈ AQUILINA, B.A., LL.D., PH.D. (LOND.) professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali bejn l-1937 u l-1976. Awtur ta' kotba fundamentali dwar il-Lingwistika Maltija *(Papers in Maltese Linguistics, The Structure of Maltese)* u ta' dizzjunarju f'żewġ volumi. Awtur ta' bosta studji oħra, ta' rumanz, drammi, essays, u poeżiji. Fost ix-xogħlijiet numerużi tiegħu ta' min isemmi *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs* (1972) u *Maltese-Arabic Comparative Grammar* (1979).

ANTHONY BONANNO, B.A. (HONS.), D.LITT. (PALERMO), PH.D. (LONDRA), studja fl-Universitajiet ta' Malta u Palermo u fl-*Institute of Archaeology* (Università ta' Londra). Għallem l-Arkeoloġija u l-Istudji Klassiċi fl-Università sa mill-1971. Professur ta' l-Arkeoloġija u Kap tad-Dipartiment ta' l-Istudji Klassiċi. Membru tal-Kunsill ta' l-Università. Laqqa' f'Malta żewġ konferenzi internazzjonali fuq l-arkeoloġija tal-Mediterran u ppubblika l-atti ta' l-ewwel waħda. Ippubblika wkoll kotba, u artikli f'rivisti xjentifiċi, fuq l-arkeoloġija ta' Malta u l-arti Rumana.

MARIO BUHAGIAR, B.A. HONS. (LOND.), M.PHIL. (LOND.). Lecturer fl-Istorja ta' l-Arti, fil-Fakultà ta' l-Arkitettura, l-Università. Speċjalizza fil-kritika u l-istorja ta' l-arti u fl-arkeoloġija paleoKristjana. Awtur ta' tliet kotba *(St Catherine of Alexandria, Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands,* Malta 1979; *Late Roman and Byzantine Catacombs and Related Burial Places in the Maltese Islands,* Oxford 1986; *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900: Painting,* Malta 1988) u ta' diversi studji speċjalizzati f'rivisti Maltin u barranin. Kontributur għall-*Macmillan Dictionary of Art* li se jkun ippubblikat dalwaqt.

ĠUŻÈ CASSAR PULLICINO, A.L.A. hu magħruf l-aktar għax-xogħlijiet ewlenin tiegħu dwar il-Folklor Malti. Awtur ta' studji dwar l-ilsien Malti u l-istorja. Uħud mix-xogħlijiet tiegħu huma *An Introduction to Maltese Folklore* (1947), *Il-Folklore Malti,* (1960, 1975), *Il-Bennejja tal-Folklore Malti* (1964), *Papers in Maltese Folklore* (1976). L-essays u n-novelli tiegħu nġabru f'*Kelma Waħda Biss* (1971 73).

MICHAEL ELLUL, B.E.&A., DIP. ARCH. (REST.), A.&C.E. studja fl-Università ta' Malta u fl-Università ta' Ruma. Ħa sehem f'diversi laqgħat internazzjonali dwar ir-restawrazzjoni u l-ħarsien ta' monumenti storiċi. Huwa l-awtur ta' diversi studji xjentifiċi dwar l-arkitettura u l-bini storiku tal-gżejjer Maltin. Lecturer fl-Arkitettura fl-Università ta' Malta u guest-lecturer fl-Università ta' Firenze; Fellow tar-Royal Historical Society ta' Londra; awtur ta' *Heritage of an Island* (1975), u *Fort St Elmo — A Brief History* (1988), u bosta artikoli f'perijodiċi lokali u barranin dwar l-arkitettura f'Malta; konsulent tal-Prim Ministru dwar il-Konservazzjoni mill-1987.

ROGER ELLUL MICALLEF, M.D., PH.D. (EDIN.), Professur tal-Farmakoloġija fl-Università ta' Malta. Speċjalizza fil-Mediċina Respiratorja, u ppubblika xogħlijiet ta' riċerka f'rivisti internazzjonali u kapitli għal għadd ta' testi xjentifiċi dwar l-ażżma. Ko-editur ta' żewġ kotba dwar dan is-suġġett. Ħa sehem f'diversi kungressi internazzjonali u għamel konferenzi f'diversi universitajiet barranin. Membru tas-Senat u tal-Kunsill ta' l-Università, u tal-Bureau tal-Konferenza dwar Problemi ta' l-Universitajiet fil-Kunsill ta' l-Ewropa.

HENRY FRENDO, B.A. (HONS.), M.A., D.PHIL. (OXON) Professur ta' l-Istorja Moderna fl-Università ta' Malta. Editur tal-ġurnal ta' kuljum "Il-Ħajja" (1970-1971). Commonwealth Scholar (1973-1976). Awtur ta' *Ir-Rivoluzzjoni Maltija tal-1919. Ħarsa storika lejn il-ġrajjiet tas-'Sette Giugno'* (1970); *Lejn Tnissil ta' Nazzjon; It-Twemmin Soċjo-Politiku ta' Manuel Dimech* (1971); *'Birth Pangs of*

*a Nation': Manuel Dimech's Malta, 1860-1921* (1972); *Party Politics in a Fortress Colony The Maltese Experience* (1979); *Ir-Rieda għall-Ħelsien: Storja Kritika tal-Partit Nazzjonalista, 1880-1905 (Vol. 1)* (1980) u bosta artikli.

OLIVER FRIGGIERI, B.A., M.A., PH.D Professur fl-Università ta' Malta. Awtur ta' rumanzi, poeżiji, studji u kritika, li bosta minnhom ġew tradotti f'lingwi barranin. Ikkontribwixxa studji f'diversi rivisti akkademiċi internazzjonali. Ħa sehem f'diversi kungressi internazzjonali. Membru ta' l-*Association Internationale des Critiques Litteraires* (Pariġi), u membru tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Unjoni tal-Kittieba u x-Xjenzati (Ruma).

EDWIN LANFRANCO, lecturer tal-botanika fl-Università ta' Malta. Hu kiseb grad fil-botanika mill-Università ta' Londra. Għamel riċerka fuq il-flora Maltija u attiv fil-qasam tal-ħarsien tal-wirt naturali Malti. President ta' l-Għaqda għall-Istudji u l-Ħarsien tan-Natura (S.S.C.N.), u membru f'diversi għaqdiet botaniċi barranin. Ippubblika diversi studji u rapport dwar il-botanika u l-ħarsien tan-natura.

UGO MIFSUD BONNICI, B.A., LL.D. Fi żmien li kien student kien editur tal-*Malta Letteraria*. Ħa l-lawrja ta' Avukat fl-1955 u ħadem fil-qrati sa l-1987 meta ġie magħżul biex ikun Ministru ta' l-Edukazzjoni. Għal ħafna snin kontributur regolari u kap ta' l-uffiċċju tad-direzzjoni ta' *"Il-Poplu"*, *"In-Nazzjon Tagħna"* u *"Il-Mument"*. Ippubblika: *Biex il-Futur Jerġa' Jibda* (1976) u *Il-Linja t-Tajba* (1981).

PAUL M. SAMMUT igħallem il-Bijoloġija fl-iskejjel sekondarji tal-Gvern. Jieħu ħsieb il-kollezzjoni tar-riferenza tal-molluska u ta' l-entomoloġija fil-Mużew ta' l-Istorja Naturali. Ippubblika diversi artikli xjentifiċi fir-rivista *Neue Entolologische Nachrichten*, *SHILAP*, u *Potaman*; u l-ktieb *A Systematic and Synonimic List of the Lepidoptera of the Maltese Islands* (Keltern, 1984). Ko-awtur ta' *The Shelled Molluscs of the Maltese Islands* (fl-istampa).

PAUL SANT CASSIA, B.A. (HONS.), PH.D. (CANT.) studja l-Filosofija fl-Università ta' Malta u l-Antropoloġija Soċjali f'Cambridge. Huwa għamel riċerka f'Ċipru, l-Awstralja, it-Tuniżija u l-Greċja, u ppubblika artikli f'diversi rivisti ta' l-Antropoloġija. Kiteb għadd ta' kotba li se jidhru dalwaqt. Huwa lecturer fl-Università ta' Cambridge, u Assistent Kuratur tal-Mużew ta' l-Arkeoloġija u l-Antropoloġija f'Cambridge.

PETER SERRACINO-INGLOTT, B.A., B.D. (PARIS), M.A. (OXON), (MILAN), Pro-Rettur ta' l-Università, studja f'Malta, Pariġi u Oxford, fejn kien Rhodes Scholar u rebaħ iċ-Chancellor's Prize għall-Ingliż. Kien ordnat qassis f'Milan fl-1962. Għallem il-Filosofija f'Malta, Ottawa, Venezja u Milan. Huwa membru ta' diversi korpi internazzjonali u ppubblika ħafna artikli fuq l-arti u l-kultura Maltija, l-estetika u r-reliġjon u fuq il-fruntieri bejn il-filosofija u x-xjenzi soċjali.

JOSEPH VELLA, F.L.C.M., B.MUS. ikkompona mużika orkestrali, korali u "da camera". Direttur ta' l-orkestra: attività li ħaditu f'diversi pajjiżi Ewropej u f'Tokyo. Mill-1974 'il hawn għamel riċerka u eżegwixxa mużika antika ta' Malta speċjalment dik tas-sekli sbatax u tmintax.

GODFREY WETTINGER, B.A. (HONS.) (LOND.), M.A. (LOND.), PH.D. (LOND.), DIPL. ED. (LOND.) hu Dekan tal-Fakultà ta' l-Arti u Kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja fl-Università. Ippubblika f'Malta jew barra madwar erbgħin studju fuq l-Istorja soċjali u ekonomika ta' Malta fiż-Żmien Nofsani, fosthom *The Jews of Malta during the Late Middle Ages*. Mal-Patri M. Fsadni, O.P. fl-1968 ħareġ *Peter Caxaro's Cantilena: A Poem in Medieval Maltese* li stampawh bil-Malti fl-1983.

